**5 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Alfredo Borg

*versus*

Carmelo Brincat et.

**Preskrizzjoni — Azzjoni "Constitutae Paecuniae" — Interruzzjoni — Rinunzja.**

*Il-Qrati Tagħna jirrikonoxxu l-azzjoni fondata fuq il-patt li bih wieħed jobliga ruħu li jħallas dak li għandu jħallas hu jew ħadd ieħor, bi kwalunkwe titolu, anki jekk l-oġġetti tal-obligazzjoni jkun inċert.*

*L-azzjoni applikabbli kontra din l-azzjoni hija dik ta' ħames snin.*

*Jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja għall-preskrizzjoni; u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anki preżunt jew indirett. U lanqas hemm bżonn li r-rikonoxximent ikun għall-kwantità kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu.*

*Għalkemm il-liġi tikkontempla r-rikonoxximent tad-dejn bħala kawża interruttiva tal-preskrizzjoni, dan ma jfissirx illi, jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, ma għandux jitqies bħala rinunzja għall-preskrizzjoni, għalkemm hu veru wkoll li wara r-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' terġa tibda preskrizzjoni ġdida.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-attur kien xtara fl-interess u bl-ordni ta' Giuseppe Brincat, awtur tal-konvenuti, il-lum mejjet, sett għamara u oġġetti oħra żgħar tad-dar, li swew £45; illi dan l-ammont għadu dovut, non ostanti l-interpellazzjonijiet ripetuti tal-attur u martu; talab li l-konvenuti jiġu kundannati minn dil-Qorti jħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' £45; bl-interessi legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Novembru 1957, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi fid-dibattitu orali d-difensur tal-attur issottometta illi, anki jekk kien hemm preskrizzjoni, din mhix dik ta' sentejn opposta mill-konvenuti, iżda dik ta' ħames snin kontemplata fl-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili, billi Giuseppe Brincat, awtur tal-konvenuti, kien obliga ruħu li jħallas il-prezz tal-mobbli in kwistjoni, u b'hekk ġie kkostitwixxa ruħu debitur lejn l-attur ta' dak il-prezz. Fi kliem ieħor, non si tratta tal-"actio mandati", iżda tal-"actio constitutae paecuniae";

Illi din l-aħħar azzjoni, rikonoxxuta fid-Dritt Ruman, u ammessa anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. XII, 325; XIV, 14; XXI-I-524; XXXIII-I-142), hija dik fondata fuq il-patt ("constitutum") li bih wieħed jobliga ruħu li jħallas dak li għandu jħallas hu jew ħadd ieħor, bi kwalunkwe titolu, anki jekk l-oġġett tal-obligazzjoni jkun inċert. Pothier, fl-opra tiegħu "Analisi delle Pandette", fir-rubrika "Constituto", wara li jagħti l-imsemmija definizzjoni, josserva illi "a qualunque titolo sia una somma dovuta, può essere materia del costituto, cioè da qualunque contratto derivi l'obbligazione, o che abbia un oggetto certo od incerto, . . . per contrarre il costituto bisogna che le parti siano d'accordo . . . . . si può anche fare per mezzo di lettera; non è necessario esprimere nella stipulazione del costituto la quantità dovuta";

Illi, jekk wieħed joqgħod għax-xhieda tal-konvenut (fol. 30), irriżulta li f'Novembru 1952 l-imsemmi Brincat irċieva ittra minn għand l-attur u martu, fejn infurmawh li "xtrawlu" l-mobbli tal-kamra tas-sodda u krewlu l-post, u pproponewlu li l-prezz tal-mobbli jżommuh mill-kera; Brincat, f'Diċembru ta' dik is-sena, irrispondihom u qallhom biex jitħallsu mill-kera tal-post. Dan, fil-fehma tal-Qorti jammonta għal konvenzjoni vera u proprja, fejn Brincat stqarr li huwa debitur lejn l-attur, sija pure ta' ammont mhux determinat; u għalhekk issir applikabbli l-

preskrizzjoni ta' ħames snin (Kollez. XXXIII-I-142, ċitata mill-konvenuti);

Illi minn Diċembru 1952, meta bl-aċċettazzjoni ta' Brincat il-konvenzjoni saret perfetta, sal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Novembru 1957, ma laħaqx għadda ż-żmien ta' ħames snin; u għalhekk l-azzjoni tal-attur mhix preskritta;

Illi, anki "ex hypothesi" li kellha tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn opposta mill-konvenuti, din ma tistax isseħħ; għaliex Brincat bl-atteġġjament tiegħu rrinunzja għaliha. Difatti, huwa aċċetta li l-prezz tal-mobbli kellu jitħallas; u sewwa fl-ittri tiegħu lill-attur, sew fid-diskors tiegħu meta rritorna Malta u ra l-mobbli, qatt ma kkontesta l-obligu tiegħu, u wera li jirrikonoxxi d-dritt tal-attur. Veru li huwa kien jipprometti biss lill-attur u lill-martu li jirranġa; iżda din il-promessa, meħuda flimkien maċ-ċirkustanzi riżultati, fil-fehma tal-Qorti, turi li d-debitur ma riedx jipprevali ruħu mid-dritt talvolta akkwistat bil-preskrizzjoni; b'dan l-għemil tiegħu hu kien juri li d-dejn kien għadu jeżisti, kemm hu biżżejjed għar-rikonoxximent tad-dritt tal-attur (Baudry, Prescrizione, §§528 u 530);

Din ir-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun anki preżunta jew indiretta; u, skond Pugliese, "può essere dedotta da fatti concludenti incompatibili colla volontà di contestare l'esistenza o l'energia attuale del diritto altrui" (Prescrizione Acquisitiva, §277). Di pjù, lanqas hemm bżonn li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantità kollha dovuta (Fadda, Giurisprudenza Kod. Civ. Ital, art. 2129 §46); u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu, bħal fil-każ li d-debitur jipprometti li jħallas jekk id-dejn tiegħu jiġi pruvat (Kollez. XXVI-II-13);

Illi, għalkemm il-liġi tikkontempla din ir-rikonjizzjoni bħala kawża interruttiva tal-preskrizzjoni, dan ma jfisserx illi, jekk dik ir-rikonjizzjoni ssir wara li jkun għadda ż-żmien preskrizzjonali, ma għandhiex titqies bħala rinunzja għall-preskrizzjoni. F'dan is-sens hija d-dottrina (Laurent, Diritto Civile, XXXII-II-21; Pugliese op. u loc. ċit.; Atzori-

Vacca, Delle Rinunzie § 458; Digesto Italiano, Prescrizione in genere (materia civile) § 64), kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXXI-II-13, konfermata fl-Appell fis-26. 5. 1941 (inedita), u XXXVII-I-544);

Illi, kif fuq ingħad, Giuseppe Brincat qatt ma kkontesta d-dejn tiegħu; u saħansitra sa jumejn qabel miet stqarr max-xhud Lucrezia Borg li huwa midjun mal-attur u martu (fol. 10 tergo), u għalhekk jaqbel sewwa għall-każ tagħna dak li josserva Baudry, fuq l-awtorità tat-Tribunali Franċiżi:— "Se il debitore, senza riconoscere formalmente il suo debito, ha colla sua condotta e col suo agire lasciato credere al suo creditore che non intendeva contestarlo, fa d'uopo decidere che ha commesso una colpa che implica la sua responsabilità, e di cui deve riparazione; il che gli toglie la possibilità d'invocare la prescrizione" (op. ċit., §531 bis);

Illi veru li, avvolja wara r-rinunzja għall-preskrizzjoni, tista' terġa tibda preskrizzjoni ġdida (v. Baudry, Op. ċit., §92), iżda fil-każ tagħna dan ma jirrikorrix; għaliex Giuseppe Brincat irritorna Malta fit-3 ta' Awissu 1956 (fol. 30), u f'dawk il-ġranet ra l-mobbli in kwistjoni u pprometta lill-attur u lill-martu li jirranġa; u billi l-ittra uffiċjali ġiet mill-attur preżentata fl-20 ta' Novembru 1957, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma laħaqx reġa' għadda. U dan apparti l-kliem li qal id-debitur kif fuq lix-xhud Lucrezia Borg;

Illi, jekk mbgħad tittieħed il-versjoni tal-attur, li ċjoè Giuseppe Brincat fuq il-mobbli in kwistjoni kien kitiblu li meta jiġi Malta jirranġa kollox (fol. 10, 10 tergo u 22), dan iġib għall-konsegwenza li sa dak inhar li wasal il-preskrizzjoni kienet sospiża (art. 2230(c) tal-Kodiċi Ċivili); u meta l-attur eżerċita l-azzjoni, iż-żmien, kalkulat mill-miġja ta' Brincat f'Malta, kien għadu ma għaddiex. Xejn ma jiswa li dak iż-żmien kien inċert, għaliex hekk jista' jkun skond il-liġi. (art. 1113(2) Kod. ċit.). Troplong, mbgħad, josserva illi "importa poco che il termine sia certo od incerto . . . . se il termine è incerto . . . . , si resta nell'ipotesi di un credito condizionale, giacchè si riconosce la regola

del diritto romano 'dies incertus pro conditione habetur' " (Prescrizione §802);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tiddifferixxi l-kawża għad-19 ta' Ġunju 1959 biex titkompla skond il-liġi.